MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2009

Numru. 175/2003

**Il-Pulizija**
**Sp Dennis Theuma**
**vs**
**Joseph Borg**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzonijiet dedotti kontra Joseph Borg ta' 42 sena iben Karmenu u Antonia nee' Cutajar mwieled Hamrun fil-31 ta' Jannar 1960 u residenti 24 Benedict Flats, Zimelli Street Hamrun, Id 127860M.**

**Akkuzatt talli f'dawn il-Gzejjer fis-7 ta' Jannar 2003 u s-sitt xhur ta' qabel gol-Hamrun u bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti:**

**(a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-**

**Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-u¿u ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolu¿i (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolu¿i Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-u¿u tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghal dawn iz-zewg imputazzjonijiet, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata hin xieraq biex jahsibha. Ghal daqstant dawn iz-zewg imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikolu 22 (1) (a), 22 (2) (b) (i) u (ii) u 22 (1B) tal-Kap 101 kif wkoll l-Artikolu 17H tal-Kap 9 qed ssib lill-imputat hati taz-zewg imputazzjonijiet, bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel wahda. Dwar il-piena il-Qorti qieset li l-prova tohrog minn ammissjoni li ghamel l-imputat fl-istqarrija u li ma hemm ebda prova ta' xi kwantita kienet involuta u li fuq kollox l-imputat ghandu jgawdi mill-Artikolu 29 tal-Kap 101 fl-intier tieghu, stante li kif jirrizulta mill-PV stess, l-imputat ta ghajnuna siewja lill-pulizija.**

**Ghal daqstant jidrilha li fic-cirkostanzi ghandha tikkundanna lill-imputat ghal piena ta' prigunerija ta' 4 xhur u ghal hlas ta' multa ta' 468 euro, liema multa tista' tithallas b'rata ta' 50 Euro kull 4 gimghat, bl-ewwel pagament isehh fi zmien 4 gimghat millum. Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx, din tinbidel f'jum prigunerija ghal kull 11.65 euro li ma jithallsux.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------